MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 929/2013

**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**JAMES FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

James Farrugia ta’ 26 sena, iben Anthony u Maria Assunta nee` Falzon, imwieled fl-4 ta’ Ottubru, 1986 gewwa Pieta’. Residenti gewwa Flt 3, Qasam ta’ Pennellu, Blk A2, Mellieha u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 444886M.

Talli;

Nhar it-22 ta’ Settemrbu 2013, ghall-habta ta’ bejn it- 8pm u 8:30pm gewwa Triq l-Assedju l-Kbir 1565, Mellieha :-

1) Volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq Victoria Camilleri, skond kif iccertifika Dr. John Scembri Reg. No. 1327 gewwa l-Mosta Health Centre,

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Victoria Camilleri sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara,

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Victoria Camilleri tibza` li ser tintuza vjonlenza kontriha,

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni bi glied u storbju.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet lill-parti leza, Victoria Camilleri, fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2014, titlob lill-Qorti sabiex, ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kap 9, dawn il-proceduri jitwaqqfu kontra l-imputat, peress illi fil-mori tal-kawza kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet, fejn kien gie dikjarat li kellhom jirrinunzjaw ghall-kawzi kriminali kontra xulxin reciprokament;

Rat illi din id-dikjarazzjoni saret mill-parti leza fil-Qorti fil-miftuh, meta l-istess parti leza kienet debitament assistita mill-avukat ta’ fiducja taghha;

Rat illi, ghalhekk, in vista li kien intlahaq ftehim bonarju bejn l-imputat u l-parti leza, u ghall-ahjar gid tal-ulied li l-partijiet ghandhom bejniethom, u li t-tnejn kienu debitament assistiti mill-avukati taghhom, din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tiddisturba ulterjorment dan il-ftehim hekk milhuq bejniethom;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat it-tieni *proviso* tal-Artikolu 543(e), it-tieni *proviso* tal-Artikolu 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti tilqa t-talba tal-parti leza ghat-twaqqif ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk tiddikjara dan il-procediment ezawrit.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------